Cassar Ruben	29. 4.2003
Grima Massimo	29. 4.2003
Mifsud Mary	13. 5.2003
Terribile Emanuel	7. 5.2003

SLIEMA

Aquilina Marianne	16. 5.2003
Arrigo Robert	24. 4.2003
Bonello Dupuis Albert	9. 5.2003
Borg Anthony	7. 5.2003
Briguglio Michael	11. 4.2003
Debono Martin, Perit	13. 5.2003
Farrugia Marvin Joseph k/a Marvin	4. 4.2003
Mallia Anthony	7. 5.2003
Mizzi Gloria Maria	9. 5.2003
Pace Ross Michael	7. 5.2003
Portanier Ivan	7. 5.2003
Scicluna Edward	7. 5.2003
Testa Frank	12. 5.2003
Vella Luke	13. 5.2003

TARXIEN

Bartolo Angelo	16. 4.2003
Bonavia Lawrence	16. 5.2003
Bondin Joseph	7. 5.2003
Brincat Francis	7. 4.2003
Caruana Omar	16. 4.2003
Cassar Sinclair	7. 5.2003
Farrugia Paul	16. 4.2003
Manicaro Jesmond	7. 5.2003
Marmarà Rudolph	7. 5.2003
Schiavone Marisa	7. 5.2003
Vella Maria Doris	16. 4.2003
Zammit Andreana	6. 5.2003

XGĦAJRA

Attard Raymond	12. 5.2003
Buhagiar Mario	12. 5.2003
Buttigieg Antonia	12. 5.2003
Laganà Aloysius Ignatius k/a Louis	7. 5.2003
Refalo Deborah	7. 5.2003
Valvo Anthony	12. 5.2003

MTARFA

Abela Josephine	19. 5.2003
Abela Saviour	19. 5.2003
Camilleri John	28. 4.2003
Camilleri Lewis	12. 5.2003
Micallef Joseph	16. 4.2003
Mifsud Joseph Mary k/a Joe	7. 5.2003
Muscat Godfrey	7. 5.2003
Said John	7. 5.2003

Il-Kummissjoni Elettorali tgħarraf ukoll illi kull min jixtieq jispezzjona rapport jew dikjarazzjoni, jew min jixtieq jikseb kopja minn dawn jista' jagħmel hekk fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant' Jiermu, il-Belt Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol sa nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003, bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar billi jħallas id-dritt preskritt.

The Electoral Commission further notifies that any person wishing to inspect any such return or declaration, or any person wishing to obtain copies of same may do so at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta, on any working day up to Friday, 27th June, 2003, from 9.00 a.m. to noon on payment of the prescribed fee.

C. L. De GABRIELE
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

C. L. De GABRIELE
Chief Electoral Commissioner

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant' Jiermu,
Il-Belt, Valletta.

It-13 ta' Ġunju, 2003

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

13th June, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 24 ta' l-2003

Kampanja ta' Tindif ta' Qiegħ il-Baħar

Il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura se jmexxi kampanja ta' tindif ta' qiegħ il-baħar f'daħlet Wied iż-Żurrieq, daħla żgħira fix-xatt tal-Lbiċ ta' Malta nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju, 2003. Din l-attività se ssir bejn il-5.30 p.m. u s-7.30 p.m. u se ssir mill-għaddasa.

Minħabba dan padruni ta' inġenji tal-baħar li jkunu jaħdmu minn/għal din id-daħla għandhom ibaħħru b'attenzjoni kbira u joqogħdu attenti għall-għaddasa fid-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Chart imsemmija: BA 2538.

It-13 ta' Ġunju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 24 of 2003

Clean Up Campaign of the Sea Bed

The Ministry of Resources and Infrastructure will be conducting a clean up campaign of the seabed at Wied iż-Żurrieq bay, a small inlet on the South West coast of Malta on Friday, 27th June 2003. This activity will be held between 5.30 p.m. and 7.30 p.m. and will be carried out by divers.

In view of the above Masters of craft operating from/to this bay are to navigate with extreme caution and keep a sharp lookout for divers on the date and times mentioned above.

Chart Affected: BA 2538.

13th June, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Reġistratur fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adattati għall-postijiet ta' Reġistratur fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' Reġistratur fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* għandu salarju ta' Lm6,688 fis-sena li jiżdied b'Lm256 fis-sena sa massimu ta' Lm8,224.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tipprovdi servizz residenti *on-call* skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Registrar in the Accident and Emergency Department in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from qualified Medical Practitioners for the posts of Registrar in the Accident and Emergency Department in the Health Division.

2. The post of Registrar in the Accident and Emergency Department carries a salary of Lm6,688 per annum rising by annual increments of Lm256 up to a maximum of Lm8,224.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to provide resident on-call service in accordance with an established roster which will include night duty. This roster will take into consideration training requirement as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tiħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun tifforma parti mid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u tkun taqa' taħt il-Konsulenti u fl-aħħarnett taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*.

5.2. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li taħdem fi speċjalitajiet kliniċi oħra bħala parti mit-taħriġ tagħha. Hi tkun trid tieħu sehem fl-attivitajiet akkademiċi u ta' taħriġ, inkluż riċerka u verifika, u f'laqgħat tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*. Hi tkun mistennija wkoll li tkun involuta fl-immaniġġjar tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u li terfa' responsabbilitajiet amministrattivi meta jinħtieġ.

5.3. Il-persuna nominata hija mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *Senior House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Hija trid tkun kapaċi tagħmel dijanjożi ta' każi ta' emerġenza akuti aktar komplikati u timmaniġġjahom u trid tiżviluppa l-ħila klinika tagħha. Hija tkun responsabbli direttament lejn iċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*.

5.4. Id-dmirijiet u responsabbilitajiet ewlenini tal-post huma sehem fl-għoti ta' kuljum ta' kura ta' emerġenza fil-livell xieraq ta' dan il-grad, għall-pazjenti li jattendu d-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fl-isptar San Luqa. Dan jinkludi:-

a) arranġamenti għad-dħul fl-isptar, għal *discharges* u *referrals* ta' pazjenti, u koordinazzjoni ma' speċjalitajiet kliniċi oħra kif xieraq;

b) xogħol ta' proċeduri kif meħtieġ (bħal *reduction of fracture dislocations*, punti, inseriment ta' *central lines, chest drains)* kif meħtieġ;

ċ) attendenza għall-*review clinics* kif meħtieġ;

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will form part of the Department of Accident and Emergency and is accountable to the Consultants and ultimately to the Chairman of the Accident and Emergency Department.

5.2. The appointee may be required to carry out duties in other Clinical Specialties as part of the training. He/She will be required to participate in teaching and academic activities, including research and auditing, and meetings of the Accident and Emergency Department. He/She will also be expected to be involved in the management of the Accident and Emergency Department and to take administrative responsibilities when necessary.

5.3. The appointee is expected to continue with the duties of the Senior House Officer but at a higher level of responsibility. He/She should be able to diagnose and manage more complicated acute emergencies and should develop his/her clinical skills. He/She will be directly answerable to the Chairman of the Accident and Emergency Department.

5.4. The principal duties and responsibilities of the post are participation in the daily provision of emergency care at a level appropriate to the grade for patients attending at the Accident and Emergency Department at St. Luke's Hospital. This includes:-

a) arranging admissions, discharges and referrals of patients, and liaison with other Clinical Specialities as appropriate;

b) undertaking procedures (such as reduction of fracture/dislocations, sutures, insertion of central lines, chest drains) as necessary;

c) attending review clinics as required;

d) attendenza għall-*ward rounds* kemm ma tobba anzjani kif ukoll waħedha fl-*Emergency Admission Units* u fl-*Observation Units* kif meħtieġ;

e) assigurazzjoni li r-rekords tal-pazjenti jkunu preċiżi, aġġornati u li jinqraw;

f) supervizzjoni tax-xogħol ta' *House Officers* li ma jkunux għadhom reġistrati u ta' *Senior House Officers* u parteċipazzjoni fit-taħriġ tagħhom u ta' l-istudenti tal-mediċina li jkunu qed jaħdmu fid-Dipartiment, skond kif ikun xieraq;

ġ) provvediment ta' servizzi residenzjali *on call* kif meħtieġ;

ħ) xogħol minflok kollegi f'emerġenza jew meta dawn ikunu bil-*vacation leave* jew *leave* ieħor;

i) żamma ta' kuntatt mal-kollegi li jkunu xogħol immedjatament qabilha jew warajha biex tassigura komunikazzjoni adekwata u kontinwità ta' kura tal-pazjent. Hija trid iżżomm kuntatt mill-qrib ma' infermiera, ma' ħaddiema professjonali u tekniċi kif ukoll ma' dipartimenti oħra biex tassigura li l-informazzjoni meħtieġa għall-kura tal-pazjent u l-investigazzjonijiet meħtieġa jkunu mifhuma sewwa;

j) obbligu li tkun preżenti, taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, għax-xogħol barra mill-ħin normali tar-*roster* tagħha meta dan ikun essenzjali għall-kontinwità tal-kura tal-pazjent.

5.5. Il-persuna nominata tkun mistennija li turi ħila li tagħmel il-proċeduri terapewtiċi immedjati meħtieġa f'każi akuti ta' emerġenza ta' mediċina, kirurġija u trawma u *resuscitations*.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika oġħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-*Accident and Emergency Medicine and Surgery* (e.g. FRCS (A&E) jew kwalifika ekwivalenti approvata) u sentejn esperjenza ta' wara r-reġistrazzjoni fid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*.

d) attending and undertaking ward rounds at the Emergency Admission Units and Observation Units as required;

e) ensuring that records of patients are accurate, up to date and legible;

f) supervision of the work of pre-registration House Officers and Senior House Officers and participating in their training, and that of medical students attached to the Department, as appropriate;

g) providing resident on-call services as required;

h) providing cover for colleagues in an emergency or when on vacation or other leave;

i) liaison with colleagues who are on duty immediately before and after himself/herself to ensure adequate communication and continuity of patient care. He/She must liaise closely with nursing, professional and technical staff and other departments to ensure that necessary information on patient care and investigations required are fully understood;

j) undertaking to be available, under exceptional circumstances, for such irregular commitments outside normally rostered duties as are essential for continuity of patient care.

5.5. The appointee will be expected to show capability of carrying out the necessary immediate therapeutic procedures in acute medical, surgical and traumatic emergencies and resuscitations.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Accident and Emergency Medicine and Surgery (e.g. FRCS (A&E) or an approved equivalent qualification) and two years postregistration experience in the Accident and Emergency Department.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju, 2003.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Ġunju, 2003

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. Applications together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 11th July, 2003.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

13th June, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Reġistratur Anzjan *(Accident and Emergency)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' Reġistratur Anzjan (*Accident and Emergency)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' Reġistratur Anzjan (*Accident and Emergency)* għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm275 sa massimu ta' Lm8,798.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fl-*Accident and Emergency Department* fl-Isptar San Luqa, u tassisti lill-Konsulent u liċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* fl-imaniġġjar ġenerali tad-dipartiment mill-lat kliniku, akkademiku u amministrattiv, inkluż superviżjoni tat-tobba *Junior*.

5.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programm ta' taħriġ u tagħlim inkluż dawk għall-istudenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency* u li tinvolvi ruħha fi programm kontinwu ta' riċerka.

5.3. Il-persuna nominata tkun responsabbli lejn il-konsulent u ċ-*Chairman* tad-Dipartiment ta' l-*Accident and Emergency*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Accident and Emergency) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Accident and Emergency) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Accident and Emergency) carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to work in the Accident and Emergency Department at St Luke's Hospital, and assist the Consultant and Chairman of the Accident and Emergency Department in the overall management of the department clinically, acedemically and administratively, including supervison of Junior doctors.

5.2. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Accident and Emergency Department and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.3. The appointee shall be responsible to the consultant and the Chairman of the Accident and Emergency Department

u tkun suġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.4. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment ta' l-*Accident u Emergency*.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fl-*Accident and Emergency Medicine and Surgery* (e.g. FRCS (A&E)) jew kwalifika ekwivalenti approvata.

(d) ikollhom tliet sinin ta' esperjenza fl-*Accident and Emergency Medicine and Surgery* wara r-reġistrazzjoni u wara li jkunu kisbu l-kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni msemmija hawn fuq;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Puliżija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, fi 15, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju, 2003.

and his/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.4. The appointee will be required to make use of Information Technology systems that may be in operation within the Accident and Emergency Department.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Accident and Emergency Medicine and Surgery (e.g. FRCS (A&E)) or an approved equivalent qualification.

(d) have three years postregistration experience in Accident and Emergency Medicinie and Surgery, following the attainment of the above-mentioned higher postgraduate qualification;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months before the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/employment/forms.htm

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. Applications together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 11th July, 2003.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Direttur Ġenerali (Saħħa) li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Ġenerali (Saħħa) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Ġunju, 2003

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Director General (Health) within seven days.

13th June, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Activity Teacher* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Activity Teacher* fl-Iskejjel Primarji fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2. *Activity Teacher* mistenni li jistimula l-kapaċitajiet u l-kreatività ta' l-istudent billi jgħallem fost affarijiet oħra, wieħed minn dawn is-suġġetti:

Arti
Drama
Mużika
Edukazzjoni Fiżika

3. L-iskala tal-bidu tas-salarju għal dan il-post hija Skala 9 (Lm5,551 x 192 għal Lm6,703). Wara 8 snin servizz il-persuna magħżula titla' għal Skala 8 u mbagħad għal Skala 7 wara 8 snin oħra fil-grad, bil-kundizzjoni li d-dmirijiet jitwettqu b'mod sodisfaċenti.

3.1. Din il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time,* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, b'mod ġenerali u fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni b'mod partikulari. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. L-applikanti li jintgħażlu jkollhom jattendu *induction course* dwar *early intervention and parental participation*

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Activity Teacher in the Education Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Activity Teacher in Primary Schools in the Education Division.

2. An Activity Teacher is expected to stimulate the creative and learning skills of students by teaching, amongst other things, one of the following:

Art
Drama
Music
Physical Education

3. The initial salary scale of a Teacher is Scale 9 (Lm5,551 x 192 to Lm6,703). A Teacher will proceed to Scale 8 after 8 years service in the grade and then to Scale 7 after a further 8 years service in the grade and also subject to satisfactory performance.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Education Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. Selected applicants will be required to attend an induction course in early intervention and parental

provdut mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bi sħab mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES).

4. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, jagħtu dettalji);

(ċ) ikollhom *Teacher's Warrant* permanenti jew jikkwalifikaw għalih skond l-artikolu 9 (2) ta' l-Att XXIV ta' l-1988.

4.1. Applikanti għall-post ta' *Activity Teacher* irid ikollhom wieħed minn dawn:

(a) Ċertifikat ta' Għalliema b'enfasi/ speċjalizzazzjoni fis-suġġett li japplikaw għalih;

JEW

(b) Grad ta' B.Ed jew B.Ed (Hons) b'enfasi/speċjalizzazzjoni fis-suġġett li applikaw għalih;

JEW

(ċ) Grad ta' Baċellerat fis-suġġett li applikaw għalih u l-*Post Graduate Certificate in Education*.

4.1.1. Applikanti li għandhom:

(a) Ċertifikat ta' Għalliema;

JEW

(b) Grad ta' B.Ed jew B.Ed (Hons) fl-Edukazzjoni;

JEW

(ċ) *Post Graduate Certificate in Education*

u li huma kwalifikati mill-inqas f'wieħed mis-suġġetti, Arti, Drama, Mużika, Edukazzjoni Fiżika huma wkoll eliġibbli. Il-kwalifiki fis-suġġett li jkunu applikaw għalih iridu minn ta' l-inqas ikunu ta' Livell Avvanzat.

Persuni li għandhom waħda mit-tliet kwalifiki elenkati f'para 4.1.1. iżda jonqoshom kwalifiki li huma ekwivalenti għal-Livell Avvanzat fis-suġġett li għalih applikaw iżda li

participation provided by the Education Division in conjunction with the Foundation for Educational Services (FES).

4. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a recent police certificate of conduct issued not earlier than six months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

(c) in possession of a permanent Teacher's Warrant or qualify for one in accordance with section 9(2) of Act No. XXIV of 1988.

4.1. Applicants for the post must satisfy one of the following:

(a) have a recognised Teacher's Certificate with emphasis/specialization in the subject applied for;

OR

(b) have a B.Ed or a B.Ed (Hons) Degree with emphasis/specialization in the subject applied for;

OR

(c) have a First Degree in the subject applied for and a P.G.C.E.

4.1.1. Applicants who are in possession of:

(a) a Teacher's Certificate;

OR

(b) a B.Ed or a B.Ed (Hons) Degree in Education;

OR

(c) a Post Graduate Certificate in Education

must also be qualified in at least one of Art, Drama, Music and Physical Education to be eligible to apply. Their qualifications in the subject applied for must be of, at least, Advanced Level standard.

Persons who are in possession of at least one of the three qualifications listed under para 4.1.1. but lack qualifications equivalent to Advanced Level in the subject applied for but

għandhom kompetenza/esperjenza fis-suġġett, jistgħu fid-diskrezzjoni tad-Diviżjoni jiġu kkunsidrati eliġibbli. F'dan il-każ id-deċiżjoni hi tad-Diviżjoni.

4.1.2. L-applikanti għandu jkollhom kwalifika ekwivalenti għal-Livell Ordinarju tal-Matrikola ta' Malta jew tas-*Secondary Education Certificate* fil-Lingwa Ingliża, Malti u Matematika. Livell Avvanzat f'dawn is-suġġetti jitqies bħala alternattiva għal Livell Ordinarju.

4.1.3. L-applikanti li għandhom Grad ta' B.Ed. (Hons) jew B.Ed. fl-Università ta' Malta, iżda li kkwalifikaw għall-kors bis-saħħa tal-*maturity clause* huma eżenti mill-kundizzjoni mitluba f'para 4.1.2. Dan jgħodd ukoll għall-applikanti li għandhom Grad ta' Baċellerat (Gen) u l-*Post Graduate Teacher's Certificate* bis-saħħa tal-*maturity clause*.

4.1.4. Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-B.Ed (Hons) jew tal-Kors tal-P.G.C.E. ta' l-Università ta' Malta, li għandhom is-suġġett li japplikaw għalih bħala s-suġġett ewlieni li jispeċjalizzaw fih. Fejn l-Università ta' Malta ma tkunx fethet kors tal-P.G.C.E. f'xi suġġett partikolari, kandidat jista' joffri suġġett ieħor fil-P.G.C.E. basta dan ikollu jew Hons. Degree fis-suġġett li għalih ikun applika jew ikollu *General Degree* li fih bħala suġġett ewlieni ta' studju is-suġġett li jkun applika għalih.

5. Il-persuna magħżula trid teżerċita l-professjoni tagħha fl-iskejjel tal-Gvern bejn l-10.30 a.m. u l-4.30 p.m. b'waqfa ta' nofs siegħa mistrieħ sabiex tkun tista' tieħu sehem fi programmi edukattivi li jsiru wara li jagħlqu l-iskejjel.

6. Il-persuna magħżula se jkollha dawn ir-rwoli u r-responsabilitajiet:-

6.1. Waqt xogħol fil-ħin ta' l-iskola:-

a. Skond kif jesiġu l-prinċipji u l-oġġettivi edukattivi tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali, u taħt il-gwida tas-*Senior Management Team (SMT)* ta' l-iskola, il-persuni magħżula jridu jagħmlu attivitajiet li jistimulaw l-espressjoni kreattiva u artistika ta' l-istudent, u jikkontribwixxu għall-iżvilupp artistiku ta' l-istess student.

b. Jinżamm kuntatt ma' l-għalliema biex jiġu identifikati x'inhuma l-bżonnijiet edukattivi ta' l-istudenti li jaqgħu lura fl-istudji tagħhom u jipparteċipaw fil-programm "Ħilti" biex isir assessjar ta' studenti qabel ma' dawn jidħlu f'dan il-programm.

ċ. Flimkien ma' Uffiċjali Edukattivi u *Activity Teachers* oħra, jiġu żviluppati, eżaminati u evalwati għodod pedagoġiċi u metodoloġiji ġodda, sakemm dan ix-xogħol ma jfixkilx ix-xogħol tagħha fil-ħin normali ta' l-iskola.

have a proven track record/experience, may at the discretion of the Division, be considered eligible for the post.

4.1.2. Applicants must be in possession of Ordinary Level Malta Matriculation or Secondary Education Certificate or equivalent in English Language, Maltese and Mathematics. A pass at Advanced Level shall be accepted as an alternative to Ordinary Level.

4.1.3. Applicants who followed a B.Ed (Hons) or a B.Ed course at the University of Malta on the strength of the maturity clause are exempt from clause 4.1.2. This applies also to applicants who have successfully followed a BA (Gen) and a Post Graduate Teacher's Certificate on the strength of the maturity clause.

4.1.4. Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Ed (Hons) Course or in the P.G.C.E. Course of the University of Malta and have as a main area of specialisation the subject applied for. Where the University of Malta did not run a P.G.C.E. Course in that particular subject any P.G.C.E. will qualify an applicant who also has either a Hon. Degree in that subject applied for or a General Degree in which the subject applied for is a main area of study.

5. Selected applicants shall exercise their profession in State Schools between 10.30 a.m. and 4.30 p.m. with a half-hour break timetable to enable them to participate in after-school educational programmes.

6. The post holder shall have the following roles and responsibilities:-

6.1. In relation to work during school hours:-

a. In line with the principles and educational objectives of the National Minimum Curriculum and under the guidance of the Senior Management Team (SMT) of the school, the postholder undertakes activities that stimulate the creative and artistic self-expression of students and contribute to their intrinsic development.

b. Effective liaison with teaching colleagues regarding the educational needs of students who fall behind in their studies and to participate in Ħilti programme pre-admission assessment of such students.

c. Under the co-ordination of the designated Education Officers and in collaboration with other Activity Teachers, develop, test, and review innovative pedagogical tools and methodologies, in such a way as not to interfere with work carried out during normal school hours.

d. Isir kontribut għall-iżvilupp u l-attrezzar ta' *project room* b'użu varjat fejn l-istudenti jħossuhom stimulati biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv u artistiku.

e. Parteċipazzjoni fit-taħriġ kontinwu li jsir għall-i*staff* u li jkun organizzat kemm fl-iskola u kemm ċentralment mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, u entitajiet oħra edukattivi.

f. Isir xogħol flimkien ma' Uffiċjali Edukattivi (EOs) tas-suġġett fi ħdan id-Dipartiment *(Curriculum Management)* skond il-ħtieġa.

ġ. Issir riċerka attiva fil-kamp individwali skond il-linji gwida provduti mis-*Senior Management Team* u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Qabel l-implimentazzjoni jingħata taħriġ dwar kif issir *Action Research*.

h. Parteċipazzjoni fi proġetti bi sħab mal-*Comenius* u l-*Grundtvig* fil-programmi *Socrates* ta' l-Unjoni Ewropea, u fi programmi oħra.

i. Isir xogħol ma' persuni u istituzzjonijiet mill-kamp sportiv, artistiku u kulturali sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet lill-istudenti li jinvolvu rwieħhom f'attivitajiet li fihom jesprimu lilhom infushom.

6.2. Meta l-*Activity Teacher* tkun isservi f'iskola:

a. Jingħataw lezzjonijiet fis-suġġett tagħhom u jsegwu t-*timetable* assenjata lilhom mill-Kap ta' l-Iskola skond kriterji stabbiliti.

b. Tingħata għajnuna fl-iżvilupp u fl-organizzazzjoni ta' inizjattivi li jsiru fl-iskola tagħha u ma' skejjel oħra.

ċ. Jingħata kontribut b'mod effettiv għall-ħolqien ta' rispons kreattiv għall-Kurrikulu Minimu Nazzjonali fuq il-livell ta' skola permezz ta' esperimentazzjoni, u id f'id ma' suġġetti oħra fil-Kurrikulu ħekk li l-i*standards* tat-tagħlim fl-iskola jitjiebu.

6.3. Dwar xogħol wara l-ħin ta' l-iskola:

a. Jagħmluha ta' animaturi tal-Programm Ħilti – programm li jsir wara l-ħin ta' l-iskola, u skond il-linji gwida, taħriġ u s-sorveljanza provduta mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES).

b. Jiġu stabbiliti b'mod effettiv, relazzjonijiet interpersonali ma' ġenituri ta' studenti li jiġu aċċettati, fil-programm "Ħilti". Il-persuni magħżula jridu jistimulaw lil dawn il-ġenituri biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' għajnuna edukattiva li jkabbru l-abilità tal-ġenituri, li jikkultivaw l-iżvilupp u t-tagħlim ta' wliedhom.

d. Contributions towards the development and resourcing of a multi-purpose project room where students feel stimulated to actively engage in creative and artistic activities.

e. Participation in on-going staff development training opportunities organised at central and school level by the Education Division and other educational entities.

f. Liase with subject-specific Education Officers (EOs) within the Department (Curriculum Management) as necessary.

g. Action is undertaken in research studies in one's fields of practice according to guidelines provided by the School Management Team and the Education Division. Training in action research is to be provided prior to implementation.

h. Participation in partnership projects under the Comenius and Grundtvig actions of the EU Socrates programme and other programmes.

i. Interaction with persons and institutions from the sports, artistic and culture fields in order to provide opportunities for students to become involved in creative self-expressive activities.

6.2. For School Level Postings:

a. Lessons are delivered in one's subject to a weekly load as assigned by the Head of School in accordance with established criteria.

b. Assistance is granted towards the development and organisation of intra-, and inter-school initiatives.

c. Meaningful contribution is offered to the development of a creative response to the National Minimum Curriculum at the school level through experimentation with cross-circular approaches that would raise teaching standards and learning outcomes within the school.

6.3. In relation to work after school hours:

a. Fulfil the role of a Hilti Afterschool Programme Animator according to guidelines, training and mentoring services provided by the Foundation for Educational Services (FES).

b. Effective inter-personal relationships are established with parents of students admitted to the Hilti afterschool Programme, stimulating them to participate in educational support activities that enhance their ability to nurture their child development and learning.

ċ. Tittieħed parti f'attivitajiet ta' taħriġ speċjalizzat organizzati mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni flimkien mal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES).

d. Waqt li tkun taħt il-gwida u s-sorveljanza ta' nies professjonali tal-programm "Ħilti" tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES), il-persuna magħżula trid tevalwa u tirrevedi kontinwament il-programm "Ħilti" li jsir wara l-ħin ta' l-iskola, u l-programm relatat, "Id f'Id", li hu programm ta' għajnuna edukattiva għall-ġenituri.

e. Ikun hemm parteċipazzjoni fi studji ta' *Action Research* skond il-linji gwida provduti mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi (FES).

f. Jinżamm kuntatt mal-Kunsill Skolastiku dwar l-attivitajiet li jsiru għall-membri tal-Komunità fil-kuntest tal-programmi "Ħilti" u "Id f'Id".

ġ. Issir ħidma fil-qrib ma' voluntiera li jipprovdu tagħlim individwali lill-istudenti fil-programm "Ħilti", biex b'hekk jinbena tim ta' għajnuna, b'saħħtu u impenjat.

7. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha jridu jintwerew b'certifikati u/jew dokumenti (kopji mehmuża ma' l-applikazzjonijiet, l-oriġinali jintwerew waqt l-intervista).

9. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adatti għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana jew mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

